

31993L0045

1.7.1993

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 159/133

**ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 93/45/KEE****tas-17 ta' Ġunju 1993****li tirrigwarda l-produzzjoni tan-nettari minghajn iż-żieda taz-zokkor jew ta' l-għasel**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 75/726/KEE tas-17 ta' Novembru 1975 li tirrigwarda l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward il-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 89/394/KEE<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(7)(b) tagħha, li jipprovdi illi fil-każ ta' ċertu frott li l-meraq tiegħu jkollu kontenut għoli ta' zokkor naturali, jista' jiġi prodott in-nettaru minnu minghajn iż-żieda taz-zokkor,

Billi l-frott elenkat fil-punti II u III ta' l-Anness mad-Direttiva 75/726/KEE, u l-berquq, jista' jkollhom kontenut għoli taz-zokkor naturali u għalhekk jidħlu fil-kategorija inkwistjoni;

Billi, għalhekk, meta jintlaħqu l-kondizzjonijiet, huwa xieraq illi tiġi awtorizzata l-produzzjoni tan-nettari minghajn iż-żieda taz-zokkor jew ta' l-għasel;

Billi, bil-ħsieb tal-firxa u ta' l-effetti ta' l-azzjoni prevista, il-miżuri Komunitarji stabbiliti f'din id-Direttiva mhumiex biss meħtieġa iżda wkoll indispensabbli għall-kisba ta' l-għanijiet stabbiliti; billi dawn l-għanijiet ma jistgħux jinkisbu mill-Istati Membri waħedhom; billi, barra minn hekk, dawn l-għanijiet fil-livell Komunitarju huma diġà stabbiliti fid-Direttiva 75/726/KEE;

Billi l-lista stabbilita b'din id-Direttiva hija skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Prodotti ta' l-lkel,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

Il-frott iddikjarat fil-punti II u III ta' l-Anness mad-Direttiva 75/726/KEE, u l-berquq, jistgħu jintużaw, waħedhom jew imħalltin flimkien, għall-fabbrikazzjoni tan-nettari minghajn iż-żieda taz-zokkor jew ta' l-għasel fejn il-kontenut għoli taz-zokkor naturali tagħhom hekk jeħtieġ.

*L-Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri leġislattivi, regolatorji u amministrattivi sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1993.

Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

*L-Artikolu 3*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Ġunju 1993.

*Għall-Kummissjoni*

Martin BANGEMANN

*Membri tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 311, ta' l-1.12.1975, p. 40.

<sup>(2)</sup> ĠU L 186, tat-30.6.1989, p. 14.